**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1115/2016 AF**

**FIMBank p.l.c. (C-17003)**

**vs**

**Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar LL.D u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw Banque Nationale de Developpement Agricole, socjetà estera registrata f'Mali fl-indirizz BP 2424, Zone ACI 2000, Bd Du Mali, ACI 2000, Bamako, Mali bin-numru ta' registrazzjoni RCCM1554 u fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' April 2017, il-Qorti ordnat li jigu estromessi l-kuraturi u awtorizzat lil Dr. Nicolai Vella Falzon biex jassumi l-atti tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-bank attur FIMBank p.l.c. li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-soċjetà intimata ("**BNDA**") ngħatat *Uncommitted Letter of Credit Facility* (il-"Facility") mill-Bank, oriġinarjament datata 30 ta' Jannar 2008 (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok.1'). Permezz ta' l-imsemmija Facility, il-Bank qabel li jikkonferma *letters of credit* maħruġa minn BNDA taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati.

Oriġinarjament l-ammont massimu stipulat fil-Facility kien ta' $2,800,000 (żewġ miljuni u tmien mitt elf Dollaru Amerikan), li però matul iż-żmien u wara li kien stabilixxa relazzjoni kummerċjali aktar soda ma' l-istess BNDA il-Bank kien aċċetta li jżid, tant illi fis-sena 2014 dan l-ammont kien żdied għal ħmistax il-miljun dollaru (US$15,000,000).

Fit-22 ta' Ġunju 2015, BNDA ħarġet *irrevocable letter of credit* numru OICDI 000000725 (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok.2') ("**LOC**") li ġiet ikkonfermata mill-Bank u dan ai termini tal-Facility imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan ir-rikors ġuramentat kif emendata al finijiet tal-ammonti massimi applikabbli fl-2015. L-ammont taħt l-LOC kien ta' €6,897,182.50 (sitt miljuni tmien mija u sebgħa u disgħin elf mija u tnejn u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu) (l-"**Ammont**").

Fit-30 ta' Ġunju 2015 (kopja ta' l-ittra hawn annessa u mmarkata 'Dok.3'), il-beneficcjarja taħt l-LOC, Keytrade Africa SA, talbet lill-Bank rikorrenti is-segwenti:

With reference to the above captioned presentation of documents we kindly request you to negotiate (discount) the full value of documents.

Fl-istess data, l-Bank informa lil BNDA bis-segwenti (kopja ta' l-iswift message hawn anness bħala 'Dok.4'):

> KINDLY NOTE THAT TODAY WE SUBMITTED DOCUMENTS TO YOUR GOODSELVES FOR THE VALUE OF EUR6,285,400.00 AND EUR611,782.50 UNDER THE ABOVE CAPTIONED LETTER OF CREDIT.
>
> DOCUMENTS WERE FOUND TO BE FULLY COMPLYING AND WERE PRESENTED WITHIN THE VALIDITY OF THE LC AND HAVE BEEN SENT IN TWO LOTS BY UPS COURIER WAYBILL NUMBERS H9573606882 AND H9573606891 RESPECTIVELY.
>
> IN THIS RESPECT, UPON DUE DATE I.E. 21.12.2015 WE SHALL DEBIT YOUR EURO ACCOUNT HELD WITH US FOR THE AMOUNTS OF EUR6,285,400.00 AND EUR611,782.50 BEING 100 PCT OF INVOICE VALUE AS PER LC TERMS.

Fl-1 ta' Settembru 2015, wara li l-Bank rikorrenti kien ġja ħallas l-Ammont, BNDA talbet lill-Bank sabiex jikkanċella l-LOC (kopja ta' l-iswift message hawn annessa u mmarkata 'Dok.5').

Fit-2 ta' Settembru 2015, il-Bank irrisponda lil BNDA u nfurmaha li t-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa', u dan għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tal-Bank (kopja ta' l-iswift message hawn annessa u mmarkata 'Dok.6').

Fit-8 ta' Settembru, BNDA imbagħad ikkonfermat lill-Bank li kienet ser tonora l-obbligi tagħha ai termini ta' l-LOC (kopja ta' l-email tat-8 ta' Settembru 2015 hawn annessa u mmarkata 'Dok.7).

Il-LOC immaturat u l-Ammont sar dovut lill-Bank fil-21 ta' Diċembru 2015 (kif jirriżulta mill-istess LOC hawn annessa bħala Dok.2).

Fis-7 ta' Jannar 2016, il-Bank informa lil BNDA li l-fondi fil-kont ta' BNDA kienu insuffiċjenti sabiex jitħallas l-Ammont u għalhekk talab lil BNDA sabiex immedjatament jiddepożita fil-kont mal-Bank ammont suffiċjenti għall-ħlas lura lill-istess Bank ta' l-Ammont (kopa ta' l-iswift message hawn annessa u

mmarkata 'Dok.8'). BNDA rrispondiet fit-13 ta' Jannar 2016 (kopja ta' l-iswift message hawn annessa u mmarkata 'Dok.9').

Fil-11 ta' Novembru 2016, il-Bank reġa' talab lil BNDA għall-ħlas ta' l-Ammont (kopa ta' l-iswift message hawn annessa u mmarkata 'Dok.10'). Is-soċjetà intimata rrispondiet fl-istess data (kopa ta' l-iswift message hawn annessa u mmarkata 'Dok.11').

Nonostante diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti.

Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Bank kiseb *saisie conservatoire* fuq il-flejjes tas-soċjetà intimata miżmuma f'kontijiet bankarji f'Pariġi, Franza (kopja tad-deċiżjoni hawn annessa u mmarkata 'Dok.12') in kawtela tal-pretensjonijiet tiegħu hawn dedotti fil-konfront ta' BNDA.

Illi sal-lum BNDA għadha inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-soċjetà intimata debitriċi ta' FIMBank p.l.c. fl-ammont ta' €6,897,182.50 (sitt miljuni tmien mija u sebgħa u disgħin elf mija u tnejn u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu) flimkien ma' l-interessi sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tordna lis-soċjetà intimata tħallas s-somma ta' €6,897,182.50 (sitt miljuni tmien mija u sebgħa u disgħin elf mija u tnejn u tmenin Ewro u ħamsin ċenteżmu) lil FIMBank p.l.c. flimkien ma' l-interessi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u b'riżerva għall-kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjetà rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu hatret lill-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u lill-Prokuratur

Legali Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Banque Nationale de Developpement Agricole.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Banque Nationale de Developpement Agricole, li permezz tagħha eċċepew illi:

L-esponenti gew nominati kuraturi deputati u ghadhom mhux edotti bil-fatti tal-kaz u m'ghandhomx informazzjoni, madanakollu l-esponenti qed jopponu ghat-talbiet attrici.

L-esponenti qed jirriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif jigu edotti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' April 2017 l-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon ġie awtorizzat jassumi l-atti tal-kawża bħala mandatarju speċjali tal-bank intimat u b'hekk gew estromessi l-kuraturi.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-bank intimat maħlufa mill-Avukat Dottor Nicolai Vella Falzon bħala mandatarju tal-istess bank li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-esponent huwa debitament awtorizzat jagħmel din ir-risposta u jikkonfermaha bil-ġurament għan-nom tal-bank esteru *Banque Nationale de Developpement Agricole* permezz ta' prokura mogħtija lilu fis-27 ta' Frar, 2017 u d-dikjarazzjonijiet minnu magħmula u kkonfermati f'din ir-risposta huma bbażati fuq fatti u ċirkostanzi hekk kif dedotti lilu mill-mandanti tiegħu.

**Eċċezzjonijiet**

Fl-isfond tal-fatti hawn taħt dikjarati u dawk li ser jirriżultaw mit-trattazzjoni tal-kawża, l-eċċezzjonijiet illi qed jagħti l-bank intimat tramite l-esponent nomine permezz ta' din ir-risposta maħlufa huma s-segwenti:

Preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna tenut illi l-bank intimat f'din il-kawża ma huwiex reġistrat, domiċiljat jew preżenti f'Malta u ma jinkradwaw ebda mill-elementi meħtieġa mill-artikolu 742 tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi jagħtu ġurisdizzjoni lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma u tiddeċiedi l-kawża fil-konfront tal-bank intimat.

Mingħajr preġudizzju u fil-mertu t-talbiet tal-bank rikorrent fil-konfront tal-bank intimat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kontra l-bank rikorrent stante illi l-pagament taħt l-*irrevocable letter of credit* in kwistjoni sar f'ċirkostanzi evidentement frawdolenti fir-rigward tat-transazzjonijiet kummerċjali relattivi li l-bank rikorrent kien jaf jew imissu intebaħ bihom mid-dokumenti li fuqhom għadda biex jagħmel l-istess pagament u għaldaqstant għandu jassumi hu r-responsabbiltà u l-konsegwenzi tal-aġir irresponsabbli u negliġenti tiegħu u t-talbiet tal-bank rikorrent ma jistghux jiġu milqugħa għaliex il-frodi jannulla kull obligazzjoni (*fraus omnia corrumpit*).

Mingħajr preġudizzju wkoll u fi kwalunkwe kaz it-talbiet tal-bank rikorrent huma eċċessivi għaliex kif jaf il-bank rikorrent stess huwa ġja iddebita u approprja ruħu minn somom inġenti ta' flus mill-kontijiet bankarji illi għandu l-bank intimat mal-bank rikorrent stess għall-allegat rimbors tal-ħlas illi għamel taħt l-*irrevocable letter of credit* in kwistjoni.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-bank rikorrenti u bl-inġunzjoni tiegħu u tar-rappreżentanti tiegħu għas-subizzjoni.

**Risposta dwar Fatti Dikjarati**

Fir-rigward tal-fatti hekk kif dikjarati mill-kumpannija rikorrenti fir-rikors maħluf tagħha l-esponent nomine qed jagħmel is-segwenti dikjarazzjonijiet maħlufa *ai termini* ta' l-artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ma huwiex kontestat illi fit-30 ta' Jannar, 2008 il-bank intimat iffirma ftehim intestat *Uncommitted Letter of Credit Facility up to a maximum amount of USD2.8 million* mal-bank rikorrent.

Però huwa kontestat bħala nfondat fil-fatt u fid-dritt illi l-*irrevocable letter of credit* mertu tal-kawża odjerna li nħareġ fis-sena 2015, sitt snin wara l-imsemmi *Uncommitted Letter of Credit Facility*, kien maħruġ mill-bank rikorrent a tenur ta' l-istess ftehim jew illi huwa soġġett għall-istess ftehim. Kif jirriżulta mill-LOC innifsu u kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u mid-dokumenti kollha relattivi u sussegwenti l- *irrevocable letter of credit* inħareġ ai termini tal-*Uniform Customs and Practice for Documentary Credits*, hekk imsejħa l-*UCP Rules*, u ma kienx u ma huwiex soġġett għal ebda ftehim ieħor. Fi kwalunkwe kaz sta għal bank rikorrent illi jipprova illi l-*irrevocable letter of credit* inħareġ a tenur tal-ftehim imsemmi kif qed jallega.

Għaldaqstant ma japplikawx id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-istess *Uncommitted Letter of Credit Facility* dwar il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Il-fatti rilevanti illi wasslu għall-vertenza odjerna huma s-segwenti.

F'Ġunju tas-sena 2015 l-kumpannija estera Faso Djigui (*Buyer/Applicant*) talbet lill-bank intimat sabiex jiftħilha *irrevocable letter of credit* sabiex permezz tagħha tiggarantixxi ħlas għax-xiri ta' merkanzija konsistenti fi żewġ *shipments* ta' materjali primi *ossia* kommoditajiet u senjatament *granular potash* u *prilled urea* mingħand kumpannija domiċiljata fl-Isvizzera bl-isem Keytrade Africa S.A. (*Seller/Beneficiary*);

Il-bank intimat (bħala *Issuing Bank*) ħareġ l-istess *irrevocable letter of credit* fl-ammont ta' €6,897,183, kopja ta' liema hija annessa mar-rikors promotur bħala Dok 2.

Kif inhi l-użanza partikolarment f'transazzjonijiet illi jsiru bejn kummerċjanti f'kontinenti differenti u kif jirriżulta mill-*irrevocable letter of credit* stess il-ħlas kellu jsir tramite l-bank

rikorrent bħala *Confirming Bank*. Il-bank rikorrent intrabat għalhekk illi jħallas fid-data ta' maturità ossia f'mija u tmenin (180) jum mid-data tal-*irrevocable letter of credit* lil Keytrade Africa S.A. fuq il-prezentazzjoni tad-dokumenti elenkati fl-istess *irrevocable letter of credit* (paragrafu 46A ta' l-istess).

Fost id-dokumenti meħtieġa fl-*irrevocable letter of credit* maħruġ mill-bank intimat kien hemm il-poloz ta' karigu (*bills of lading*) taż-żewġ konsenji ta' merkanzija in kwistjoni li kellhom ikunu ġirati favur l-istess bank intimat illi jagħtu għalhekk id-dritt lill-istess bank intimat illi jieħu pussess u jew titolu tal-merkanzija in kwistjoni f'kaz illi x-xerrej (Djigui Faso) ma jonorax l-obbligi ta' ħlas tiegħu lill-istess bank intimat fir-rigward tal-*irrevocable letter of credit* in kwistjoni.

Fis-26 ta' Ġunju, 2015 il-bank rikorrent ikkonferma illi qed jaċċetta li jidħol bħala *Confirming Bank* (Dok BNDA1).

Il-pagament lil Keytrade Africa S.A. mill-bank rikorrent kellu jsir fil-21 ta' Diċembru, 2015 skond l-*irrevocable letter of credit* stess (ara paragrafi 41A, 42C u 42A ta' l-istess) premess illi l-bank rikorrent jirċievi d-dokumenti kollha relattivi imsemmija fl-*irrevocable letter of credit*.

Fit-30 ta' Ġunju, 2015 l-istess bank rikorrent bagħat konferma illi kien irċieva d-dokumenti kollha meħtieġa fl-*irrevocable letter of credit* maħruġ mill-bank intimat li skond l-istess bank rikorrent kienu "*fully complying*" u illi għalhekk il-bank rikorrent kien ser jgħaddi biex jiddebita l-akkont tal-bank intimat għall-valur sħiħ tal- *irrevocable letter of credit* (Dok BNDA2) biex eventwalment jgħaddi biex iħallas lil Keytrade Africa S.A.. Fl-istess waqt il-bank rikorrent bagħat id-dokumenti li kien irċieva lill-bank intimat kif indikat fl-istess dokument.

Kif jidher mill-*bills of lading* preżentati minn Keytrade Africa S.A. lill-bank rikorrent sabiex dan jgħaddi biex jagħmel il-ħlas, dawn kienu dokumenti qodma. Kif jidher mill-kopji tal-*bills of lading* in kwistjoni dawn kienu datati 18 ta' Novembru, 2014 (Dok BNDA 3) u 31 ta' Jannar, 2015 (Dok BNDA 4) rispettivament. Filwaqt illi huwa aċċettat illi bank illi jaġixxi bħala *confirming bank* fir-rigward ta' *irrevocable letter of credit*

għandu responsabbiltà limitata u ma huwiex tenut li jidħol fil-mertu tat-transazzjonijiet kummerċjali relattivi, huwa għandu responsabbiltà jivverifika illi d-dokumenti meħtieġa sabiex isir il-ħlas ikunu verament "*complying*" kif ikkonferma l-bank stess.

Il-bank rikorrent induna illi kien hemm xi ħaġa mhux f'lokha fid-dokumenti preżentati u fil-fatt fit-30 ta' Ġunju, 2015 permezz ta' email lil Keytrade Africa S.A.[1] (li kient ser tirċievi l-pagament direttament mingħand l-istess FIMBank) l-bank rikorrent talab spjegazzjoni dwar id-dati tal-*bills of lading* Dok BNDA4A). Illi r-risposta irriżorja ta' Keytrade Africa S.A., mibgħuta biss 24-il minuta wara, kienet illi l-merkanzija kienet qed tinżamm fil-port fejn kellha ssir il-konsenja tal-merkanzija (*port of discharge*) sakemm tirċievi l-ħlas mir-riċevitur (*receiver*). Minkejja l-qerq evidenti l-bank rikorrent għaddha biex jikkonferma l-aċċettazzjoni tad-dokument u biex jagħmel il-ħlas (saħansitra b'mod prematur) abbażi ta' l-istess dokumenti.

Irriżulta fil-fatt illi n-negozju in kwistjoni kien milqut b'*mala fede* jew frodi u fil-fatt iż-żewġ *shipments* in kwistjoni qatt ma ġew konsenjati lil Djigui Faso jew lill-bank intimat in kwantu detentur tal-*bills of lading* għaliex il-merkanzija kienet ġja inbiegħet lil terzi.

Malli l-bank intimat ġie infurmat b'dan kollu, fl-1 ta' Settembru, 2015, huwa kiteb minnufih lill-bank rikorrent u talbu sabiex jikkanċella minnufiħ l-*irrevocable letter of credit* (Dok BNDA5).

Fit-2 ta' Settembru, 2015 il-bank rikorrent irrisponda jgħid illi ma setax jikkanċella l-*irrevocable letter of credit* għaliex kien ġja għaddha l-ħlas lil Keytrade Africa S.A. (Dok BNDA6). Fil-fatt fir-rikors promotur l-bank rikorrent jgħid (però ma jagħti ebda prova dokumentarja dwar l-istess) illi fil-1 ta' Settembru, 2015 dan kien ġja ħallas l-ammont lil-Keytrade Africa S.A. u dan minkejja illi l-*irrevocable letter of credit* kien ser jimmatura fil-21 ta' Diċembru, 2015.

---

[1] Irid jingħad illi dan l-iskambju ta' korrispondenza bejn l-bank rikorrent u Keytrade Africa S.A. sar ad insaputa tal-bank intimat li sar jaf biss b'dan l-iskambju f'Novembru, 2016 fl-ambitu ta' proċeduri dwar rimedji kawtelatorji ġewwa Franza.

Fid-19 ta’ Ottubru, 2015 Djigui Faso fetħet proċeduri b’urġenza ġewwa l-Qrati tal-Mali kontra l-bank intimat kif ukoll kontra l-bank rikorrent u kontra Keytrade Africa S.A. fejn hu talab illi l-Qorti timpedixxi l-ħlas taħt l-*irrevocable letter of credit* maħruġ mill-bank intimat peress illi n-negozju kien milqut bi frodi u uħud mid-dokumenti preżentati għall-aċċettazzjoni u ħlas taħt l-*irrevocable letter of credit* kienu foloz.

Il-bank rikorrent (FIMBank) kien parti f’dawk il-proċeduri u saħansitra ippreżenta risposta għar-rikors intavolat minn Djigui Faso.

Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Kummerċ ta’ Bamako, Mali fil-15 ta’ Diċembru, 2015 (Dok BNDA7) kif konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell ta’ Bamako, Mali fil-15 ta’ April, 2016 (Dok BNDA8) irriżulta illi fil-fatt kien hemm frodi u uħud mid-dokumenti relattivi preżentati għall-ħlas taħt l-*irrevocable letter of credit* kienu “*dummy documents*” ossia dokumenti foloz u għalhekk ordnat li ma jsir ebda ħlas taħt l-*irrevocable letter of credit*.

L-istess Qrati osservaw illi abbażi tal-prinċipju *fraus omnia corrumpit* l-frodi tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-awtonomija ta’ l-obbligi tal-banek taħt *documentary credits* u illi l-Qrati jkollhom għalhekk l-awtorità jordnaw illi ma jsirx ħlas abbażi ta’ l-istess. Il-Qorti ta’ l-Appell osservat ukoll illi meta ikun hemm data ta’ maturità ta’ *irrevocable letter of credit* (bħal f’dan il-kaz) il-ħlas għandu jkun meqjus illi sar fid-data ta’ maturita sabiex f’kaz illi jirriżulta l-frodi wara l-presentazzjoni tad-dokumenti l-applikant ikollu mezz illi jwaqqaf il-ħlas; u illi jekk il-bank (inkluz *confirming bank*) ikun ħallas qabel (bħalma għamel il-bank rikorrent f’dan il-kaz) dan għandu jkun meqjus bħala *advance payment* u mhux eżekuzzjoni jew kwittanza tal-*irrevocable letter of credit*.

Fid-dawl ta’ dan il-bank intimat talab lill-bank rikorrent illi dan ma għandux jiddebita l-kontijiet tal-bank intimat mall-bank rikorrent għar-rimbors ta’ l-ammonti li tħallsu arbitrarjament mill-bank rikorrent taħt l-*irrevocable letter of credit* (Dok BNDA9).

Minkejja dan, il-bank rikorrent b'mod abitrarju għadda biex jiddebita l-kontijiet illi għandu l-bank intimat ma' l-istess bank rikorrent sabiex jitħallas għas-sommom illi għadda lil Keytrade Africa S.A. u għalhekk b'riżultat ta' l-aġir negliġenti tal-bank rikorrent, il-bank intimat jinsab f'sitwazzjoni fejn filwaqt illi huwa prekluz (minħabba d-deċiżjoni tal-Qrati ta' Mali) milli jitlob ħlas mingħand l-applikant għall-ħruġ tal-*irrevocable letter of credit* (ċioè mingħand Djigui Faso li fi kwalunkwe kaz ma għandhiex tħallas għal merkanzija li qatt ma ġiet konsenjata lilha) ittieħdulu sommom inġenti ta' flus mill-kontijiet tiegħu fir-rigward ta' l-istess *irrevocable letter of credit* u nqabdulu somom oħra nġenti ta' flus ġewwa Franza (fi proċeduri kawtelatorji li qed jiġu kontestati mill-bank intimat) biex b'hekk il-bank intimat huwa ġja tellief bla ħtija fil-kwistjoni kollha u issa qed jiffaċċja wkoll l-proċeduri odjerni.

Fil-frattemp ukoll il-bank rikorrent b'mod abitrarju u abbużiv għadda biex jiddebita l-kontijiet illi għandu l-bank intimat ma' l-istess bank rikorrent sabiex iħallas ukoll l-ispejjez tal-kawża odjerna u tal-proċeduri illi istitwixxa ġewwa Franza, liema proċeduri qed isiru għalhekk bil-flus tal-bank intimat stess.

Dan sar bil-pretest illi l-bank rikorrent għandu dritt juża l-flus tal-bank intimat b'dan il-mod a tenur tal-*Uncommitted Letter of Credit Facility* iffirmat f'Jannar tas-sena 2008; dan huwa kontestat anke għaliex dak il-ftehim ma japplikax fir-rigward tal-*irrevocable letter of credit* in kwistjoni kif intqal hawn fuq u kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Dwar dawn il-flus illi ġew debitati arbitrarjament mill-bank rikorrent mill-kontijiet tal-bank intimat qed jiġu riżervati id-drittijiet kollha spettanti lill-bank intimat għar-rifużjoni ta' l-istess.

Fil-frattemp u minkejja illi l-bank rikorrent assigura lill-bank rikorrent illi ser jikkopera miegħu biex tissolva s-sitwazzjoni, jidher illi l-bank rikorrent lanqas ma ndenja ruħu jieħu passi kontra Keytrade Africa S.A. (li l-istess bank kellu relazzjoni diretta magħha) dwar il-ħlas indebitu illi sar lil din il-kumpannija.

Fatti rilevanti ulterjuri u l-provi dwar l-istess ser jinġiebu waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni sollevata mill-bank intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas taħt *letter of credit* ikkonfermata mill-bank attur. Id-deċiżjoni tal-lum hija limitata ghall-eċċezzjoni preliminari tal-bank intimat li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawża stante li l-istess bank mhuwiex, reġistrat, domiċiljat jew preżenti f"Malta u li lanqas ma jeżisti xi wieħed mill-elementi meħtieġa mill-artikolu 742(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtu ġurisdizzjoni lil din il-Qorti tisma' u tiddeċiedi l-każ.

L-artikolu 742(1) tal-Kap. 12 jaqra hekk:

> *"(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*
>
> *(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*
>
> *(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*
>
> *(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti."*

Da parti tiegħu, il-bank attur jinsisti li din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawża taħt il-paragrafi (f) u (g) tal-artikolu ċitat.

Dwar il-paragrafu (g), mhux kontestat illi l-partijiet daħlu fi ftehim datat 30 ta' Jannar 2008 li permezz tiegħu l-bank intimat ingħata mingħand il-bank attur *Uncommitted Letter of Credit Facility*. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Bank attur qabel li jikkonferma *letters of credit* maħruġa mill-intimat taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati. Il-bank attur jibbaża l-argument tiegħu fuq il-fatt illi l-*letter of credit* mertu tal-kawża nħarġet taħt dan il-ftehim fejn klawsola 10 tgħid hekk:

*"This Facility Letter shall be governed by and construed in accordance with Maltese law for the Bank's exclusive Benefit, BNDA hereby submits to the jurisdiction of the Maltese Courts. However nothing in this clause shall limit the Bank's right to take proceedings against BNDA in any other court of competent jurisdiction, nor shall the taking of such proceedings in one or more jurisdictions preclude*

> *the taking of proceedings in any other jurisdiction whether concurrently or not."*

Min-naħa l-oħra, il-bank intimat jikkontendi li l-*letter of credit* in kwistjoni kienet waħda *ad hoc* u ma saritx ai termini tal-faċilità msemmija, u allura, li l-istipulazzjonijiet tal-ftehim, fosthom dik dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, ma japplikawx. Għalhekk, skont il-bank intimat, huwa ma qagħadx u lanqas qabel li joqgħod għall-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati. Huwa jressaq diversi argumenti in sostenn tat-teżi tiegħu.

Fl-ewwel lok, jargumenta li sabiex ikun hemm ksur tal-ftehim, l-ewwel irid jiġi pruvat li kien hemm ksur tal-obligazzjoni ta' ħlas taħt il-*letter of credit*. L-intimat jikkontendi li ladarba, skont hu, il-*letter of credit de quo* hija milquta minn ċirkostanzi frawdolenti, mela f'dan l-istadju wieħed ma jistax jitkellem dwar ksur ta' obbligu ta' ħlas u lanqas jista' jiġi nvokat il-kuntratt tat-30 ta' Jannar 2008.

Din il-Qorti tqis li dan l-argument huwa mingħajr bażi legali jew fattwali. Li kien hemm ksur tal-obbligazzjoni tal-ħlas ma hemm l-ebda dubju. It-tielet klawsola tal-ftehim tistipula ċar u tond li '*A default shall occur immediately upon …(ii) BNDA fails to honour repayment of the amounts paid by the Bank under the applicable letter of Credit.*' Isegwi għalhekk illi nuqqas ta' ħlas huwa proprju ksur tal-kuntratt. Il-bank intimat ma jirribattix t-talbiet attriċi bid-difiża tal-ħlas u l-kwistjoni jekk l-intimat kellux dritt ma jħallasx minħabba dawn iċ-ċirkostanzi frawdolenti li jallega, hija xi ħaġa li kif sewwa jisottometti huwa stess, hija riżervata għall-mertu.

L-intimat imbagħad jargumenta li l-artikolu 10 tal-kuntratt ma japplikax għall-vertenza stante li l-*letter of credit* in kwistjoni ma nħarġitx taħt dan il-kuntratt. In sostenn tat-teżi tiegħu, il-bank konvenut jargumenta li:

i. Ir-relazzjoni tal-partijiet tmur lura għal żmien qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt;

ii. Il-*letter of credit* in kwistjoni nħarġet aktar minn seba' snin wara li ġie ffirmat il-kuntratt;

iii. Din il-*letter of credit* saret taħt kundizzjonijiet illi ma jirrispekkjawx il-kundizzjonijiet oriġinali tal-kuntratt;

iv. Il-*letter of credit* in kwistjoni tistipula li hija maħruġa ai termini tal-*Uniform Customs and Practice for Documentary Credits*.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-ebda waħda minn dawn l-argumenti tal-bank intimat ma hija tajba. Dan għaliex għall-Qorti huwa ċar illi l-intenzjoni tal-partijiet meta ffirmaw il-kuntratt tat-30 ta' Jannar 2008, kienet proprju li *letters of credit* li jikkonferma l-bank attur minn dakinhar 'il quddiem, fosthom dik mertu tal-kawża, ikunu regolati permezz tiegħu.

Il-fatt illi qabel ma ġie ffirmat dan il-ftehim il-bank attur kien ikkonferma numru ta' *letters of credit* tal-bank intimat ma jġibx il-kuntratt fix-xejn. Għall-kuntrarju, tkompli tissaħħaħ it-teżi tal-bank attur li l-intenzjoni kienet li tiġi regolata relazzjoni kummerċjali eżistenti. Lanqas ma jiswa l-fatt illi l-*letter of credit* in kwistjoni ġiet maħruġa seba' snin wara li ġie ffirmat il-kuntratt. Dment li l-kuntratt ma ġiex terminat mill-partijiet, baqa' fis-seħħ u jorbot lill-partijiet.

Li din il-*letter of credit* ġiet konfermata mill-bank taħt ċertu kundizzjonijiet li kienu differenti minn dawk stipulati fil-kuntratt huwa minnu. Madanakollu, il-kundizzjonijiet kollha li jsemmi l-bank intimat huma kollha kundizzjonijiet li ġew stipulati fil-kuntratt favur il-bank attur, u allura, xejn ma kien iżomm lill-istess bank milli jirrinunzja għalihom.

Huwa minnu wkoll li oriġinarjament l-ammont massimu stipulat skont din il-faċilità kien ta' $2,800,000, imma kif tispjega x-xhud Corinne Lanfranco, maż-żmien, il-bank attur aċċetta li jżid dan l-ammont sa massimu ta' $15,000,000, kif fil-fatt seta' jagħmel skont il-ftehim stess li jipprovdi f'klawżola 2.1:

> *"The Bank reserves the right to review and/or renew the Facility detailed in Clause 1.1 above, at its discretion."*

Finalment, u dwar l-asserzjoni tal-bank intimat illi l-*letter of credit* kienet maħruġa ai termini tal-*Uniform Customs and*

*Practice for Documentary Credits*, ma ġiex muri li dawn ir-regoli huma inkonsistenzi mal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, speċifikament li dawn jirregolaw il-ġurisdizzjoni f'każ ta' disputa.

Galadarba jezisti kuntratt, il-presunzjoni hija li l-*letter of credit* hija regolata minnu. Kien jispetta lill-bank intimat li jġib prova xort'oħra. Ma kienx meħtieġ illi f'kull *letter of credit* jiġi speċifikat li din qegħda ssir taħt il-kuntratt. Huwa illoġiku l-argument tal-bank intimat li din il-Qorti għandha tinjora l-ftehim li jirregola il-faċilità, u tqis din il-*letter of credit* partikolari bħala waħda *ad hoc*, independenti mill-imsemmi ftehim. Il-bank intimat donnu għandu spjegazzjoni għal kollox ħlief l-aktar mistoqsija pertinenti, u ċioè x'kien l-iskop wara l-ftehim jekk mhux illi tiġi regolata r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet emanenti mill-*letters of credit* maħruġa u kkonfermati.

Din il-Qorti jirriżultalha għalhekk illi għandha ġurisdizzjoni tisma u tiddeċiedi l-kawża a tenur tal-artikolu 742(1)(g) tal-Kap. 12. Konsegwentment, mhuwiex meħtieġ illi l-Qorti teżamina jekk għandhiex ġurisdizzjoni wkoll taħt paragrafu (f).

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-bank intimat u tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

L-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG